**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 6/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**
**vs**
**Brian Dimech**

**Illum il-Hamis 2 ta' Frar, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Brian Dimech ta' 34 sena, iben Carmelo u Gaetana xebba Cachia, imwieled Pieta' nhar il-25 ta' Marzu, 1982, u residenti 4, International, Fl 4, Triq Giorgio Mitrovich, Msida, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 190082M.

Akkuzat talli nhar 11 ta' Awwissu, 2016, ghall-habta ta' 19:00 hrs, gewwa Triq il-Gzira, Gzira.

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Justin Dimech skond kif iccertifika Dr. Joseph Saliba b'numru tar-registrazzjoni 1776 tal-Isptar Mater Dei; u dan ai terminu ta' l-Art. 218(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Justin Dimech sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena

applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata kif jidhrilha xieraq l-Onorabbli Qorti u dan ai terminu tal-Art. 383(1), (2), (3), tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 2 ta' Frar, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', stqarrija rilaxxjata mill-imputat, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali, estratt mill-att tac-certifikat ta' l-imputat, fedina penali ta' l-imputat, certifikat mediku u current incident report.

Wara li sar l-ezami ta' l-imputat ai termini ta' l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza kif dedotti kontra tieghu.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuza kif dedotta kontra tieghu u kif registrata fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, setgha jerga lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat pprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat.

Decide:

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 218(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sena (1) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tigi sospiza ghal sentejn (2).**

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti torbot lill-hati b'garanzija personali ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghal tnax (12)-il xahar mill-lum taht penali ta' elfejn u tliet mitt Ewro (€2,300) milli jkellem jew javvicina lil Justin Dimech.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**